**15 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

*Nutar Joseph Henry Saydon, Professur Joseph V. Zammit Maempel,*
Vitorin Testaferrata Bonici, Beatrice Zammit Maempel,
Dr. Albert Zammit Maempel, Dr. George Zammit Maempel u
Eileen Zammit Maempel

*versus*

Veneranda Bradshaw, Mary Falzon Sant Manduca u
Alfred Falzon Sant Manduca fil-kwalità tiegħu ta' esekutur
testamentarju ta' George Cassar Desain

**Proprjetà - *Actio Reivindicatoria - Probatio Diabolica***

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza ta' l-Ewwel Qorti li fuq il-provi sabet illi l-konvenuti kienu qegħdin jokkupaw fond mingħajr titolu u ordnat l-izgumbrament tagħhom.*

Il-Qorti:-

L-atturi hekk ipproċedew b'dan l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

"L-atturi, wara li ppremettew illi huma proprjetarji tal-fond konsistenti f'dar u remissa numri 25 u 24A Triq il-Buskett, Rabat li huma akkwistaw b'kuntratt in atti Nutar Dr. Maurice Gambin tas-16 ta' Mejju, 1989; illi l-konvenuti qed jokkupaw minghajr ebda titolu legali r-remissa numru 24A Triq il-Buskett, Rabat; illi l-konvenuti qed jirrifjutaw li jirrilaxxjaw il-pussess ta' l-imsemmija remissa anke wara li ġew interpellati jagħmlu dan kemm verbalment, kemm b'ittra interpellatorja u kemm bi protest ġudizzjarju; talbu li din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti qed jokkupaw ir-remissa 24A, Triq il-Buskett, Rabat, minghajr ebda titolu legali, liema remissa hija proprjetà ta' l-atturi;

Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju jirrilaxxjaw il-pussess ta' l-imsemmija remissa";

Il-konvenuti hekk eċċepew:

"Fiċ-ċitazzjoni l-atturi kien messhom talbu dikjarazzjoni li huma proprjetarji tar-remissa in kwistjoni peress li dan hu l-punt in kontestazzjoni bejn il-kontendenti. L-enfitewsi temporanja in kwistjoni m'għalqitx fl-1980, iżda fadlilha xi ħamsin sena oħra";

B'sentenza tat-12 ta' Jannar, 1994, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u laqgħet it-talbiet attriċi u konsegwentement, filwaqt li ddikjarat li l-konvenuti kienu qegħdin jokkupaw il-fond 24A, Triq il-Buskett, Rabat, bla ebda titolu validu fil-liġi, ordnat l-iżgumbrament tagħhom mill-istess fond, u għal dan il-fini pprefiġġiet xahrejn żmien minn dakinhar tas-sentenza biex joħorġu mill-istess fond. L-ispejjeż kellhom jithallsu mill-konvenuti;

Din hi l-*motivazzjoni* tas-sentenza appellata:

"L-atturi qed isostnu li l-fond 24A, Triq il-Buskett, Rabat, proprjetà tagħhom jinsab okkupat mill-konvenuti bla ebda titolu validu fil-liġi u konsegwentement qed jitolbu li l-istess konvenuti jiġu *żgumbrati* mill-istess fond fi żmien qasir u perentorju;

Il-konvenuti eċċepew li fl-ewwel lok l-atturi kellhom jitolbu dikjarazzjoni ta' proprjetà u fi kwalunkwe każ il-konċessjoni enfitewtika in kwistjoni għadha ma għalqitx u fadlilha xi ħamsin *sena*;

L-atturi jidderivaw it-titolu tagħhom mill-kuntratt ta' l-akkwist tas-16 ta' Mejju, 1988 fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin meta huma akkwistaw b'titolu ta' xiri assolut mingħand il-Mensa ta' l-Arċisqof ta' Malta, debitament rappreżentata mill-Wisq *Reverendu Monsinjur* Dun Carmelo Bonavia, id-dar numru ħamsa u *għoxrin (25) u* l-garaxx kontigwu għall-istess dar numru erba' u għoxrin *ittra* A (24A) kif ukoll il-passaġġ retropost għall-istess garaxx u l-ġnien retropost għall-istess dar u dan skond pjanta annessa ma' l-istess kuntratt;

L-art u l-*fondi trasferiti kienu* jifformaw parti minn diversi *plots* ta' art li kienu ġew *konċessi in* enfitewsi temporanja, in parti għal 99 sena u in parti għal 150 sena u dana permezz ta' diversi kuntraatti li ma hemmx il-ħtieġa li jiġu eżaminati fid-dettal. Żgur però li jirriżulta li l-konċessjoni ta' 99 sena kienet versu ċ-ċens ta' Lm1.55c, filwaqt li l-konċessjonijiet għal mija u ħamsin sena kellhom ċens komplessiv ta' disa' liri, tlieta u tletin ċenteżmu u tliet milleżmi (Lm9.33,3). Dan ma jidhirx li hu kontestat;

Ġara li fit-28 ta' Lulju, 1936, b'kuntratt ta' rikonoxximent

fl-atti tan-Nutar Edward Calleja Schembri (fol. 39 *et seq*) il-Mensa Arċiveskovili, bħala direttarja u Dr. Federico Maempel u Dr. Giuseppe Zammit u tal-fondi 25A, 26 u 27 Triq il-Buskett, Rabat, (*con accesso giardino*) soġġetti *ann'annuo temporaneo canone di* Lm9.06,8d *vis-a-vis* Dr. Federico Maempel;

Dan ir-rikonoxximent ġie wara kuntratt ta' diviżjoni li sar bejn l-awturi tal-kontendenti ċjoè id-dottori Maempel u Zammit, *fl-1935 u li permezz tiegħu ġie stabbilit eżattament dak li kien* detenut minn parti jew minn oħra in enfitewsi temporanja;

In segwitu għall-kuntratt tat-28 ta' Lulju, 1936, fil-kotba tal-Kurja saret distinzjoni netta bejn iż-żewġ fondi. Proprjetà bdiet tiġi indikata bħala 25A, 26 u 27 Villa Lugisland, Triq il-Buskett, ta' l-awtur tal-konvenuti konċessa in enfitewsi temporanja għall-150 sena. Proprjetà oħra bdiet tiġi indikata bħala 24A, 25, Triq il-Buskett, ir-Rabat, ta' l-awtur ta' l-atturi konċessa għal 99 sena. Jiġi rrilevat li n-numru 24A jagħmel referenza għall-bieb tal-garaxx li jifforma parti mill-fond 25 u sottopost, in parti, għall-istess fond. Dan jidher ċar mill-pjanti mhezza mill-Perit Joseph Ellul Vincenti u annessi mal-kuntratt ta' l-akkwist ta' l-atturi tas-16 ta' Mejju, 1988;

Minn dan kollu jidher ċar li l-atturi jistgħu jivvantaw d-dritt tagħhom ta' proprjetà tar-remissa 24A, Triq il-Buskett, ir-Rabat:

Mill-kuntratt ta' l-akkwist ta' l-1988;

Mill-fatt li din tifforma parti mill-fond 25, Triq il-Buskett, ir-Rabat;

Mill-istat ta' fatt li ilu jeżisti sa mill-1936, meta saret il-*qasma effettiva tal-fondi; u*

Kif ukoll mill-fatt li d-drittarju dejjem irrikonoxxa dan l-istat ta' fatt;

L-atturi ukoll għandhom favur tagħhom li sa mill-1936 dejjem kien rikonoxxut li ċ-ċens fuq l-art in kwistjoni kien għal perijodu ta' 99 sena. Ċjoè kien jagħlaq fl-1989;

Da parti tagħhom il-konvenuti jistrieħu fuq:

Il-fatt li l-Knisja għas-snin 1987 u 1992 irrilaxxjat riċevuti fejn jissemma l-fond 24A; u

Il-fatt li fil-kuntratt ta' diviżjoni tas-16 ta' April, 1935, *bejn* Maempel u Zammit, jissemma li l-fond 27, 26 u 25A, Via Boschetto, Rabat, "*oggi pure con acesso provisorio da Via Boschetto attraverso una remissa num. 24A e passaggio sottoposto alla casa numero 25*";

L-ewwelnett il-Qorti tistagħġeb kif il-konvenuti jistgħu jippretendu li minn dawn il-premessi jibbażaw xi titolu fuq ir-remissa in kwistjoni. Ir-referenza għall-fond 24A fir-riċevuti esebiti hija ċertament żball tal-persuna li rrilaxxjat l-istess riċevuti. Id-dritt tal-konvenut jitwieled mill-kuntratt tal-qasma ta' l-1935 u l-att rikonjitorju tas-sena sussegwenti. F'dawn iż-żewġ atti jirriżulta ċar li l-proprjetà tal-konvenut kienet dik bin-numru 25A, 26 u 27 u l-ebda żball ta' skrivan jew terza persuna oħra ma tista' twassal sabiex il-konvenuti jkabbru l-proprjetà tagħhom;

Dwar it-tieni sottomissjoni tal-konveuti, jiġi rrilevat li l-kliem stess tal-kuntratt *con acesso provisorio*, jindika li Dr. Maempel, li kien qed jikkonċedi l-*utile* dominju temporanju tal-Villa Ligisland kien ben konxju li r-remissa kienet ta' terzi u li l-aċċess minnha kien proviżorju. Kieku r-remissa kienet ta' Dr.

Maempel, ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li jissemma li hemm aċċess mill-istess remissa għall-ġonna retroposti - dan kien ikun ovvju. Dan jidher aktar ovvju meta jissemma l-passaġġ "sottopost alla casa numru 25" ta' l-atturi. Minn hawn jidher li kien hemm xi ftehim bejn ta' Maempel u ta' Zammit sabiex jintuża aċċess temporanjament mill-proprjetà ta' Zammit għall-ġnien ta' Maempel;

Fl-aħħarnett issir referenza għall-konvenju iffirmat bejn il-konvenuti u Mons. Carmelo Zammit in rappreżentanza tal-Kurja *li permezz tiegħu l-istess konvenuti obbligaw ruħhom li jifdu ċ-ċens* gravanti tal-fondi 25A, 26 u 27, Triq il-Buskett, ir-Rabat, u jixtru id-dirett dominju ta' l-istess fondi, flimkien ma' l-għalqa retroposta għall-fond 24A u 25. Dan l-att huwa l-aqwa prova li l-konvenuti minn dejjem irrikonoxxew il-fatt li l-fond 24A kien jagħmel mal-fond 25, fl-istess triq u li ma kellhom ebda dritt ta' proprjetà fuqu";

L-appellanti jidher li qed jibbażaw l-aggravji tagħhom fuq dawn is-sottomissjonijiet:

Li l-Kurja, venditriċi tal-fond *de quo* lill-atturi appellati, li qed issostni li ċ-ċens fuq dan il-fond skada fl-1986 baqgħet tesiġi u tirċievi l-ħlas taċ-ċens gravanti fuqu anke wara l-iskadenza ta' dik id-data. Dan kif jidher mir-riċevuti rilaxxjati ukoll sas-sena 1993;

Li minn dokument A4 esebit mill-istess atturi hemm indikat li ċ-ċens imħallas mill-awtur tal-konvenuti - Dottor Frederick Maempel, kien ikopri l-fondi 24A, 25A u 26, Villa Lugensland *e giardino retroposto*;

Li minn dan jargumentaw li la ċ-ċens tal-Villa Lugensland kien għad fadallu snin biex jiskadi, l-istess kien fadallu ċ-ċens

gravanti l-fond 24A, li kien, skond huma, jikkostitwixxi l-uniku aċċess għall-inġenji biex jintużaw fl-għelieqi retroposti. Isostni allura li ċ-ċens tal-garaxx *de quo* kien jiskadi meta kien jiskadi ċ-ċens tal-Villa Lugensland "u dan billi jappartjenu lill-istess konċessjoni enfitewtika";

Din il-Qorti eżaminat b'attenzjoni l-att proċesswali u tipprofessa li ssib diffikultà biex issegwi bi preċiżjoni x'inhi l-kontestazzjoni ta' l-appellanti għat-talba attriċi. Apparti dak li ngħad fin-nota ta' sottomissjonijiet il-provi prodotti kienu jirrigwardaw aspetti għal kollox marġinali għall-meritu involut fil-kawża. Il-partijiet - fil-verità l-aktar l-appellanti - ikkonċentraw fuq il-produzzjoni ta' xhieda u dokumenti fir-rigward tal-ħlas ta' ċens u dwar ftehim li sar dwar il-fidi ta' ċens bejn l-appellati u l-Kurja Arċiveskovili. Provi li ftit li xejn seta' kellhom rilevanza għall-meritu. Il-Qorti, kif sewwa identifikat l-Ewwel Qorti - jeħtieġ li tkun arġinata fil-konsiderazzjonijiet tagħha mill-provi sakemm dawn ikunu rilevanti għat-talba u għall-eċċezzjonijiet magħmula in kontestazzjoni tagħha. F'dan il-kuntest jirriżulta għal kollox irrilevanti l-fatt jekk il-Kurja baqgħetx tippretendi u tirċievi l-ħlas taċ-ċens oriġinarjament gravanti fuq ir-remissa *de quo* wara li dan kien attwalment skada. Dan il-fatt - anke jekk kif hu ppruvat ġara, bl-ebda mod ma jbiddel it-terren tal-kwistjoni fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, fir-rigward tat-titolu li bih l-appellati akkwistaw il-fond *de quo*. Bl-ebda mod din iċ-ċirkostanza ma kienet tirrendi ċens skadut f'wieħed veljanti u allura mhux terminat, jekk it-terminu tiegħu ikun attwalment skada. Konsegwentement, il-fatt li l-kurja baqgħet tirċievi ċ-ċens għal xi żmien wara li skada ċ-ċens, kif ġie aċċertat żbaljatament - ma jbiddel xejn mir-relazzjonijiet bejn l-enfitewta u d-direttarju. Relazzjonijiet li jkunu ġew terminati definittivament appena skada t-terminu enfitewtiku. *Multo magis*, meta jkun jirriżulta: (1) li dan il-ħlas sar bi żball u (2) f'kull każ il-fond li fuqu l-pagament taċ-ċens ikun ġie effettwat ikun ġie żmien qabel trasferit in piena proprjetà mill-

istess direttarju lill-enfitewta nnifsu;

Dan hu l-qofol ta' l-ewwel aggravju ta' l-appellant u din il-Qorti ma tarax kif dan jista' jiġi allura ġuridikament sostnut. L-azzjoni hi nfatti ta' indole petitorja li fiha l-Qorti hi mistiedna qabel xejn biex teżamina t-titolu ta' l-attur għall-fond minnu rivendikat. L-ewwel u l-aqwa ostakolu għat-teżi tal-konvenuti appellanti hu nfatti li huma stess mhumiex qed jivvantaw direttament titolu fuq ir-remissa. Fl-ebda mument waqt il-kawża ma speċifikaw taħt liema titolu qed jippretendu li qegħdin jiddetjenuha. Jissuġġerixxi biss alternattivi u jħallu ħafna għall-immaġinazzjoni fi sforz biex iżommu miftuħa l-opzjonijiet kollha mingħajr ma jippreġudikaw jeddijiet oħra li għandhom *fuq il-fondi viċini*. Żgur però li meta hekk jagħmlu *l-appellanti* ma waslux biex jippruvaw titolu ċert minnhom pretiż biex jassiguralhom pussess leġittimu. Jissuġerixxu li għandhom dritt ta' passaġġ għax il-proprjetà, retroposta għar-remissa in kwistjoni, li huma ċertament jiddetjenu b'titolu validu ta' enfitewsi temporanja - skond huma - ma kinitx aċċessibbli għall-passaġġ ta' l-inġenji jekk mhux minn din ir-remissa. Jissuġġerixxu ukoll li din ir-remissa kienet b'xi mod inkluża fil-konċessjoni enfitewtika temporanja favur tagħhom li huma għandhom fuq il-Villa viċina. Żgur però li dan it-titolu ma jirriżulta minn ebda kuntratt. Jirriżulta fil-fatt *il-kontra*. Indubbjament il-fatt li fil-kuntratt ta' diviżjoni tas-16 ta' April, 1935, bejn l-awturi tal-kontendenti il-fondi li ġew assenjati lill-awturi ta' l-appellanti ġew deskritti bħala li *oggi pure con acesso provisorio da Via Boschetto attraverso una remissa numero 24A e passaggio sottoposto alla casa numero 25* hi prova konklussiva u infuttabbli li l-fond numru 24A ma kienx ġie trasferit b'dak l-att ta' diviżjoni lill-awtur ta' l-appellanti. A *contrario senso* jfisser bilfors li din il-proprjetà, anke jekk soġġetta għal dan il-passaġġ provviżorju, kienet ġiet assenjata lill-awtur ta' l-appellati. Meta wieħed iqis li l-kontendenti jaqblu - u ma jistgħux ma jaqblux - li dan il-kuntratt kien il-fonti

tat-titolu rispettiv tagħhom, il-Qorti ma tifhimx kif jistgħu l-konvenuti appellanti jkomplu jsostnu li kienu b'xi mod l-utilisti ta' dan il-garaxx;

Kif sewwa josservaw l-appellati, it-titolu li jidher li qed jivvantaw il-konvenuti appellanti mhux wieħed possessorju, iżda wieħed petitorju, in kwantu qed jippretendu li għandhom titolu ta' proprjetà anke jekk qatt - kif ingħad - ma speċifikaw eżattament dan it-titolu x'kien u kif ġie kkreat. Mill-banda l-oħra l-atturi appellati li qed jaġixxu fil-petitorju, u li allura kellhom jipproduċu l-prova djabolika tat-titolu tagħhom, issodisfaw pjenament dan l-oneru. It-titolu tagħhom jemerġi ċar mill-kuntratt li ma ġie bl-ebda mod kontestat mill-appellanti. Il-kuntratt ta' komprovendita tas-16 ta' Mejju, 1989, in atti in-Nutar Maurice Gambin jittrasferixxi l-proprjetà assoluta kemm tal-garaxx kif ukoll tal-fond kontigwu numru 25, *Triq il-Buskett*, lill-atturi. Il-pjanta annessa ma' l-istess kuntratt turi ukoll, kjarament, li ż-żewġ fondi kienu interkomunikanti *permezz ta' taraġ li jagħti mill-garaxx għal ġol-pjan terran tal-*fond numru 25. Hu stabbilit illi fiż-żmien meta dan il-fond kien għadu proprjetà tal-Kurja u kien allura soġġett għaċ-ċens temporanju, dan kien ġie assenjat bil-kuntratt tad-diviżjoni fuq imsemmi, lill-awtur ta' l-appellati, u f'dan il-kuntratt ta' diviżjoni, il-fond ġie soġġett għal aċċess temporanju *favur il-*fondi assenjati lill-attur ta' l-appellanti. Minn imkien ma tirriżulta l-prova ġuridika li dan il-garaxx kien ġie assenjat b'titolu ta' ċens lill-awtur ta' l-appellanti kif qegħdin issa jippretendu. Il-provi juru proprju il-kontra. Minn imkien mill-provi ma tirriżulta t-teżi ta' l-appellanti li ċ-ċens gravanti *l-fond* 24A kien jiskadi meta jiskadi ċ-ċens temporanju tal-Villa jew li dan iċ-ċens kien jappartjeni lill-istess konċessjoni enfitewtika. Asserzjoni ta' din ix-xorta ma tistax ma titqiesx li tkun għal kollox gratuwita u bla bażi sakemm ma tkunx tirriżulta minn xi att pubbliku kostruttiv ta' dak iċ-ċens;

Il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata fir-rigward tat-titolu ta' l-appellati huma korretti u ma ġew bl-ebda mod skossi mis-sottomissjonijiet li għamlu l-appellanti. Mhux il-każ li dawn jiġu ulterjorment approfonditi minn din il-Qorti u l-konsiderazzjonijiet fuqhom magħmula huma biżżejjed biex jirrispondu l-aggravju ssollevat fl-appell, li, kif ingħad, jonqos li jinvesti frontalment u direttament il-veru meritu tal-vertenza;

Għal dawn il-motivi u ukoll għal dawk dedotti mill-Ewwel Qorti, l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti. Għall-fini tat-termini għall-iżgumbrament dan għandu jkun ta' xahrejn dekorribbli mil-lum sa liema żmien l-appellanti għandhom jivvakaw il-fond.